**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 12 ta' Ġunju 2024**

**Kawża Numru: 196/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Pace)**

**kontra**

**Sheldon Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **Sheldon Gauci** ta' tmintax (18)-il sena, iben Marlon u Rita nee' Salerno, imwieled il-Pieta' nhar it-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005), u residenti fl-indirizz numru tnax (12), Ritmar, Triq Aloisio, Ħal Qormi, u detentur tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 111705(L);

Billi inti akkużat talli ġewwa dawn il-Gżejjer fit-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u anke matul il-ġimgħat ta' qabel:-

1. Importajt jew gieghelt li tiġi mportata jew għamilt xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża (Cannabis Grass) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Pace u rat id-dikjarazzjoni magħmula minnu fl-udjenza ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), fejn iddikjara li mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija jirriżulta li l-każ odjern huwa każ ta' importazzjoni ta' sustanza illeċita ntiża għall-użu personali tal-imputat.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u għalhekk fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement pruvata skond il-liġi.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat li hija waħda netta, kif ukoll il-fatt li huwa kkopera bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħha. Qieset ukoll in-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qiegħed jinstab ħati, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija urew li l-imsemmija sustanza illeċita kienet intiża għall-użu personali tal-imputat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 12, 14, 15A, 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qegħda issib lill-imputat **Sheldon Gauci** ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qegħda tikkundanah għall-piena ta' **multa ta' seba' mitt Ewro (€700),** li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50). F'każ li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien ħmistax (15)-il xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita f'dawn il-proċeduri, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Deguara